# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**Il-Pulizija**
**(Spettur Clayton Camilleri)**
**(Spettur Joseph Mallia)**

**Vs**

**Raymond Desira**

**Illum, 29 ta` Jannar, 2025**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra **Raymond Desira**, 62 sena, iben Joseph u Carmela nee' Saliba imwieled Zejtun fit-tlettax ta' April tas-sena elf disa mija u wiehed u sittin (13/04/1961) u resident gewwa 12, 'Tropicana', Triq il-Kapumastru, Zejtun detentur tal-karta tal-identita' numru 327861 (M) akkuzat talli nhar id-9 ta' Gunju 2023, ghal habta ta' bejn 07:45 hrs gewwa Triq Hal Gharghur, Iklin,

1. Minghajr il-hsieb li tisraq jew li taghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex tezercita dritt li tippretendi li ghandek, gieghelt bl-awtorita' tieghek innfisek lil Dominic Micallef ihallas dejn jew jesegwixxi obligazzjoni tkun li tkun jew fixkilt lil Dominic Micallef fil-pussess ta' hwejjgu b' xi mod iehor kontra l-ligi jew indhalt fi hwejjeg ta' haddiehor
2. U aktar talli volontrarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn € 23.29 izda inqas minn € 250 ghad-dannu ta' Dominic Micallef.

Rat l-affidavit ta' PS 1154 C. Sciberras ipprezentat mat-tahrika tal-kawza. Semghet ix-xhieda ta' Ian Galea; ta' Dominic Micallef; ta' Spettur Joseph Mallia u ta' Gary Desira fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2024.

Rat li fis-seduta tal-21 ta' Marzu, 2024 id-difiza tiddikajrat li ma hemmx ghalfejn jittella xhud fuq l-awtenticita' ta' Dok. JM1;

Rat li fis-seduta tal-21 ta' Marzu, 2024 il-partijiet qablu li Dok IG 3 hija s-sentenza li nghatat mill-Qorti fil-31 ta' Janna,r 2024.

Rat li fis-seduta tal-21 ta' Marzu, 2024 il-partijiet jaqbli li x-xhieda ta' Ian Galea tapplika ghal kawzi numri 5 sa 8a. Sar kontro-ezami fil-kawza 6.

Rat li fis-seduta tal-21 ta' Marzu, 2024 il-Qorti iddijkarat li l-istills ezebiti Dok DM, DM 1 qed jigu accettati prevja li jigu ezebiti bil-gurament mill-persuna li ghamilhom. Bi qbil bejn il-partijiet ghandu jintrewa l-footage Dok A fil-prezenza tax-xhud / imputat Dominic Micallef.

Rat li fis-seduta tal-21 ta' Marzu, 2024 il-Prosekuzzjoni u d-difiza dikjaraw li ma ghandhomx aktar provi;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-artikoli 85(1) u 325(1)(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ix-xhieda, id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

**Affidavit ta' PS 1154 Christian Sciberras** ezebit mat-tahrika tal-kawza. Is-Surgent jiddikjara li nhar id-9 ta' Gunju 2023 ghal habta ta' 07:30 hrs l-Ghassa tan-Naxxar gew infurmati li kien hemm persuni jipprovaw jisgassaw l-Aria Complex gewwa Triq Hal-Gharghur, Iklin. Ix-xhud mar mill-ewwel fuq il-post fejn sab lil Domenic Micallef, li stqarr li huwa jikri l-kumpless ta' l-Aria Complex minghand Raymond Desira fejn dan gie flimkien ma ibnu Gary Desira u kien hemm ukoll haddiem maghhom certu Rene Mifsud sabiex jidhlu gewwa l-kumpless ta' l-Aria. Domenic Micallef stqarr mal-pulziija li dawn qabdu u qatghu l-katnazz minn jeddom u dahlu fil-kumpless sabiex jibdew izarmaw xi affarijiet mill-kumpless. Ix-xhud kellem ukoll lil Raymond Desira li spjega li huwa propjetarjiu tal-kumpless ta' l-Aria fejn kien qed jircievi diversi multi mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar minhabba l-illegalitajiet li ghamel fil-kumpless Domenic Micallef. Raymond Desira stqarr li ghandu ukoll kuntratt fejn klawzola minnhom turi li huwa ghandhom dritt jidhlu fil-kumpless ta' l-Aria u li jridu jibghatu preavviz lil Domenic Micallef meta ha jkun se jsir hekk. Raymond Desira stqarr li dan il-pre-avviz kien baghatu izda Domenic xorta ma hallijomx jidhlu. Gie muri lix-xhud kopja tal-kuntratt.

Raymond Desira u Gary Desira stqarrew li qieghedin jehlu 50 euro kuljum f' multi u huma kienu marru fuq il-post biex izarmaw dawn l-illegalitajiet sabiex jieqfu jircievu l-multi. Huma gew mitluba sabiex jirrikorru l-Ghassa tan-Naxxar bid-dokumenti kollha sabiex jigu mitkellma gewwa l-Ghassa.

Ghal habta ta' 11:00hrs Raymond Desira u Gary Desira gew l-ghassa tan-Naxxar fejn huma gew infurmati li bil-mod kif dahlu fil-kumpless ser jittiehdu passi legali fil-konfront taghhom fejn inghataw id-dritt li jikkonsultaw ma Avukat ta' l-ghazla taghhom fejn huma kelmu lil Dr Franco Galea fejn gew moghtija wkoll id-dritt li jzommu s-silenzju. Meta gew mitkellma t-tnejn qablu li mxew mal-kuntratt u fejn ukoll ikkonsultaw ma' l-avukat qabel ghamlu dan il-pass fejn ukoll spejgaw li qabel baghtulu preavviz kif hemm fil-kuntratt taghhom.

Huma stqarrew li Domenic Micallef ghedded lil Raymond Desira li jekk ha jitla fuq is-sellum dan kien ha jeqilbu ghal isfel. Gary Desira stqarr li Domenic Micallef sabiex iwaqqfu tefa idejgh wkoll ma wiccu izda ma wegghux.

Gary Desira stqarr ukoll li waqt li kienu hemm Domenic Micallef cempel lil diversi persuni fl-awtorita' sabiex jipprova jintimidahom.

Ix-xhud kellem ukoll ma Domenic Micallef fejn dan gie mghoti d-dritt li jkellem avukat qabel jigi mitkellem fejn hu kellem lil Dr Adrian Delia fejn gie moghti ukoll id-dritt tas-silenzju. Meta gie kkonfrontat fuq it-theddid u l-allegazzjoni ta' Gary Desira huwa cahad dawn l-allegazzjonijiet.

Domenic Micalleg stqarr li huwa rceiva pre-avviz nhar is-06 ta' Gunju, 2023 fejn huwa wiegeb ghaliex gejjin fejn stqarr li ma inghatax risposta. Hu qal li l-Hamis 8 ta' Gunju, ltaqa mal-avukati tieghu Dr Delia u Dr Joseph Schembri fejn Dr Schembri bghat email lil avukat ta' Raymond bl-istanzi fejn jistghu u ma jistghux jidhlu fil-kumpless. Stqarr li peress li kien cert li kull email ser tigi njorata huwa mar fuq il-post nhar id-9 ta' Gunju, 2023 ghal habta ta' 06:30 hrs fejn mal-habta ta' 7 ta' filghodu gew Raymond u qallu sabiex jiftahlu fejn meta staqsieh ghaliex, dan ma wegbux jew inkella qallu xi haga u ma fehmux, fejn Domenic qallu li kif ha jipprova jkisser il-lock ser icempel lil Pulizija.

Domenic Micallef qal li fuq il-post gie lavrant, certu Rene Mifsud, fejn dan beda jnizzel xi ghodda u li kien hu li qata l-lock ta' barra bi grinder fejn Domenic wera wkoll filmat li juri dan. Domenic qal li Raymond qabez u dahal gewwa l-kumpless fejn dan qata ukoll katina minn wara sabiex jiftah il-bieb fejn b' hemm dahlu fil-post kemm Raymond u kif ukoll Gary u dawn bdew izarmaw il-post.

Domenic qal li kif kellem lil Rene Mifsud u qallu li dan ser jithol fl-inkwiet, dan zarma u telaq l-hemm u ma baqax fuq il-post sabiex jghin lil Raymond u lil Gary.

Domenic prova ukoll stima mahruga minn Old Key Ironmongery fejn huwa stqarr li kellu jixtri 3 padlocks bl-ammont ta' Eur 54 inkluz VAT.

**Ian Galea**, **rapprezentant tal-Awtorita' tal-Ippjanar** xehed fis-seduta tal-21 ta' Marzu, 2024. Intalab jipprezenta kopja tal-enforcement notice EC749/09 (Dok IG). Ghandu kopja tar-ritratti tal-ksur ta' l-avviz. Fuq l-istess ksur ta' l-avviz kien hemm breach of notice jghidulu ksur tal-avviz fuq l-istess numru bl-istess referenza 749 ghaliex saru illegalitajiet ulterjuri u dan huwa kien suggetti ghal multi. L-izvilupp illegali huwa dettaljat fl-Avviz Skont Taqsima IX tal-Att VII tal-2016 Dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp, Avviz biex Tieqaf u ta' Twettieq mahrug fil-26 ta' Mejju, 2022 (Dok IG 1). Sussewentement kienet daħlet applikazzjoni sanatorja bin-numru PA4A95/21 li din għadha suġġetta għal post decision requirements, jiġifieri sal-lum għadu ma ħareġ il-permess esegwibbli. Jikkonferma li l-post decision requirement hi li jitnehhew l-istrutturi illegali.(Dok. IG 2) U peress li kien hemm appell mid-decizjoni tal-awtorita' il-position requirements gew sospizi sakemm ġiet deċiża id-deċiżjoni quddiem Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar u kien hemm ukoll sentenza wkoll l-oħra quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) li ingħatat f'Jannar li għadda issa l-istadju li qiegħed bħalissa din l-applikazzjoni qiegħda fi stadju ta' rikonsiderazzjoni għaliex l-applikant talab jagħmel reconsideration minn dawn it-talbiet jew affarijiet oħra. Fil-fatt għad m'hemmx il-permess esegwibbli fuq din is-sit.

Jezebixxi ukoll kopja informali tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fl-ismijiet 'Timothy John Howard Kitchner-Smith vs L-Awtorita' tal-Ippjanar u l-kjamat in kawza Raymond Desira' deciza fil-31 ta' Jannar, 2024 (Dok IG3)

In kontro-ezami b' referenza ghal Dok IG 1 jirrispondi dan l-avviz originali kien mahrug 2009 lill Domnic Micallef u kif ukoll lir-Raymond Desira u hawn il-kopja tal-bin cards bl-ircevuta postali li kienu iffirmati minn Domnic Micallef u Raymond Desira (DOK IG).

Mistoqsi jekk hemmx indirizz iehor ghal istess sit jirrispondi li l-awtorita' jixmxu fuq is-site plan. Kopja tas-site plan qeghedha mal-avviz tal-infurzar.

**Domenic Micallef,** xehed fis-seduta tal-21 ta' Marzu, 2024. Ix-xhud jopera l-Aria Complex fi Triq Hal Gharghur, Iklin mis-sena 2009.Ghandu agreement mas-sid u cioe' Raymond Desira għan-nom tal-kumpanija tiegħu Martan limited. Jaghraf fl-awla lil Raymond Desira, lil Gary Desira u lil imputat l-iehor ma jafux personalment imma ltaqa' mieghu dik il-gurnata ta' l-isgass. Fuq l-incident mertu ta' dawn il-proceduri jirrispondi

"Avu: Is-sena li ghaddiet inqala xi haga f`dan il-post u jekk iva meta u xìnqala?

Xhud: Mela zewg avvenimenti ghal-lura għall-aħħar ta' Mejju dawn it-tliet sinjuri daħal u kien hemm u kien hemm persuna oħra magħhom li ma nafx min hu daħlu b'mod illegali waqt li aħna ma konniex qegħdin hemmhekk?"

Dan jafu ghaliex hemm ic-CCTV.

Qorti: Mela qed terga tindika lil imputati it-tnejn indikajt bìsimhom u l-iehor li ghedt li ma tafx xjismu.

Xhud: Is-sinjur kien maghhom ukoll u kien hem mir-4 persuna u ta`dan kien hemm rapport ukoll fl-ghassa tal-pulizija it-tieni darba,

Qorti: Ic-CCTV xġhamilt bih?

Xhud: Għad għandna kopja tiegħu, it-tieni darba li kien jekk mhiniex sejjer żball fit-8 ta' Gunju okay dawn reġgħu daħħlu u jien kont inzertajt fuq il-post qabilhom dakinhar. "

Dan l-incident kien ffilmjat. Hu qallhom li l-isgass kien abbużiv u kontra l-liġi. Imma dawn jinjorawni kompletament u qataw il-katnazz. Dan sar quddiemu u irrekorjahom bil-mobile. Taha kopja tal-filmat ukoll lil pulizija.

Dak il-hin inzertaw ghaddejjin karozza tal-pulizija fil-vicinanzi u waqqafhom. Il-pulzija spjegaw lis-Sur Desira li dak li kien qed jagħmel huwa teknikament illegali, imma dan saħansitra dak l-istadju anke lilhom injorahom. Hu ikkomunika mal-avukati tieghu u wara ftit sieghat is-Sur Desira irtira lura u hareg mill-propjeta'.

Izid jghid li is-sinjur tan-nofs wara nemmen li irrealizza illi dak li kien qed isir kien illegali minn jheddu qabad l-għodda tiegħu u telaq tista tgħid ma jidhirli li għamel xejn ġewwa jew jekk għamel kienu affarijiet minuri ħafna. Jghid ukoll li ngħid ukoll illi das-sinjur ukoll kellu impjegat miegħu u wara li kellmu qabdu qisu paniku u harab il-barra.

Minn hemm hekk mar Mar jaghmel rapport l-ghassa.

<u>Dak in-nhar tal-akkadut (9 ta' Gunju, 2023)</u> hu kien qieghed hemm ipparkjat gewwa l-karozza. Ipparka vann miftuħ. Jezebixxi zewgt ritratti tal-van Dok DM. Lil pulizija ghaddielhom il-footage li ha minn fuq il-mowbajl. Fil-footage hemm id-data tal-accident li sar fid-9 ta' Gunju. Ix-xhud jikkonferma li d-data kienet 9 ta' Gunju, 2023.

L-imputati l-ohra sqassaw il-katnazz u daħlu ġewwa.  Il-footage huwa tal-bieb principali tal-Aria Complex.  Ic-cwievet tal-istabilment ghandu hu u l-impjegati tieghu. l-imputati mhux suppost li ghandhom ic-cwievet.

Fil-filmat ezebit deher it-tifel ta' Raymond Desira li kien liebes flokk ahmar. Il-missier ma nqabadx fil-filmat.  X' hin dahlu gewwa bdew iżarmaw partijiet mill-post fejn dehrilhom huma. Zarmaw  partijiet mill-istejġ prinċipali u żarmaw wkoll partijiet mill-entratura.

"Avu: Din l-operazzjoni kemm damet jekk jogħġbok?

Xhud: Jekk m'iniex sejjer żball ovvjament kienu hemmhekk minn kmieni filgħodu jekk m'iniex sejjer żball jien kont hemmhekk għal xi s-sitta u nofs, sebgha neqsin kwart u naħseb nassumi li daħlu sas-sebgħa u kwart, 07:20 u mill-memorja jidhirli li telqu għall-ħabta tal-11.00/12:00. Jiġifieri għamlu hemmhekk b'daqqa ta' 4 u 5 sigħat."

F' dak il-hin zarmaw parti mill-istage.

"Avu: Zarmawh u halleh hemm zarmawh u qalugh, kissruh, remuh xġhamlu?

Xhud: Le imma ma kien hemm l-ebda tkissir biex inkun ċar u ma kien hemm l-ebda vendikazzjoni biex inkun ċar li kien hemm qishom kienu supplier li marru u qabdu jzarmaw."

Telqu wara li kellem lil avukati. At one point qabad l-iskafolding u telaq.

In kontro-ezami jirrispondi li Rene Mifsud apparti li qata' l-katnazz ta' barra ma ghamel xejn.

Mistoqsi dwar il-kuntratt jirrispondi li l-kuntratt huwa f' isem il-kumpanija u huwa garantor tal-kumpanija.

"Avu2: It-tielet ħaġa inti għedtilna li żarmaw naqblu li dak li żarmaw kien dak li issa inti kont irċevejtha huwa dak li l-Mepa qaltilkom li huwa illegali, jiġifieri parti minnu għax hemm area kbira huma strutturi illegali li għamilt inti stess?

Xhud: Żarmaw pick and choose mhux jien għal għalija mhux ħa noqgħod ngħidlek x'hemm illegali u xma hemmx illegali mhix il-kompetenza tiegħi li ngħid dawn l-affarijiet hemm l-awtoritajiet u jiddeċieduh huma meta meta l-proċeduri jkunu ....

Avu: Naqblu li meta daħlu fil-post, jiġifieri qabel iż-żewġ episodji intbagħatlek preavviż biex inti jew ħa tneħħi jew ħa jiġu huma u ttihom aċċess u inti aċċess ma tajthomx?

Xhud: Il-preavvizi intbagħtu imma raġunijiet għalfejn iridu jidħlu qatt ma inaghtaw."

Mistoqsi jekk inghatax cavetta tal-katnazz jirrispondi

"Xhud: Fuq it-tieni episodju meta qegħdin hawnhekk illum  ma tawni la cavetta u lanqas katnazz għax il-katnazz li kien hemm kien inqata' u konna aħna li xtrajna katnazz ġdid u jekk m'iniex sejjer żbaljat tgħid xi rċevuta ta' xi 50 euro tal-katnazz lill-pulizija ghax talbuni."

**Spt. Joseph Mallia,** xehed fis-seduta tal-21 ta' Marzu, 2024. Jezebixxi r-rapport MPS POL 3946/2023 (DOK JM) u ircevuta li kienet giet moghtija minn Domnic Micallef li hemm miktub ammont ta` 54 ewro bil-hanut Old Key Ironmongery. Il-kwerelant kien stqarr li l-ircevuta hija tal-katnazz.

**Gary Desira,** xehed his-seduta tal-21 ta' Marzu, 2024. Jixhed li missieru Raymond Desira jikri l-Aria Complex lil Domnic Micallef. Mikri f' ismhom personali u fuq il-kumpanija bl-isem DGRL DANCE LTD.

Meta inhargu l-multi tal-illegalitajiet kienu informaw mal-ewwel lil Domenic Micallef. Imma dan ma hax azzjoni. Qabel ma marru fuq il-post baghtulu preavviz. Huma bghatulu tlett preavvizi wiehed f 'April 2023, iehor f' Mejju 2023 u iehor f' Gunju 2023. Dawn intbghatu permezz ta' email u l-ewwel email kien mar jimpustahielu d-dar tieghu gewwa Ta' Xbiex.

"Avu: Issa u ma fetaħx issa x' għamiltu intom u x' għamiltu intom u x'ġara wara jiġifieri?

Xhud: Ifhimni hemm bagħatnielu l-preavviż ma fetaħx u dħalna u qbadna nżarmaw l-illegalitajiet kif semma hu biex aħna nibagħtu kemm jista' jkun ma ir-ritratti tal-Mepa biex tieqaf il-multa li hemm kuljum ta' €50."

Skont il-MEPA hemm daily fine u jghidlek liema areas huma illegali u iridu jitnehhew. Dawn saru wara s-sena 2009 u jekk wiehed jara l-aerial photos jihder kollox.

Biex dahlu qatghu l-katnazz u dahlu.

"Avu: Imbghad xġhamiltu xħehhejtu u xġhamiltu wara?

Xhud: Qbadna inzarmaw l-affarijiet il-kbar hemmhekk qed ngħidu l-area hija kbira u hemm ħafna x'tagħmel biex naħsbu aħna l-aħjar għaliex ħadna parir mingħand perit ukoll, jiġifieri mhux għamilniha pick and choose jew bl-addoċċ."

Jipprezenta r-ritratti ta' dak li nehhew. Ghalqu bil-katnazz gie haddiem minn tieghu u taw ic-cavetta, fl-ewwel darba.

"Avu: U t-tieni darba?

Xhud: It-tieni darba meta dħalna qtajna il-katnazz kien hemm Domnic għax kien qiegħed preżenti u ma fethilniex avolja kellu preavviż u mort u ħallejtlu ċavetta fil-karozza biex ikollu ċavetta tal-kopja tal-katnazz il-ġdid.

Avu: Issa jiġifieri hawnhekk Domnic qal li it-tieni darba l-katnazz għamlu hu inti xi tgħid dwar dan?

Xhud: Jiena ngħid illi l-katnazz aħna kellna katnazz u ħallejnih hemmhekk u tajtu ċ-ċavetta mal-ewwel jiena.

Avu: U tista turi ir-ritratt?

Xhud: Iva.

Avu: Meta qed tghdi il-karozza xkarozza kienet?

Xhud: Il-Karozza Golf bajda għandi n-number plate jidher ukoll jekk hemm bżonn id-dettall.

Avu: X'inhuma dawn li qed tippreżentalna?

Xhud: Wieħed mir-ritratt huwa li jiena naghti Il-preavviż hawnhekk hawn wieħed mill-preavviż. U għandi l-preavviż ieħor. Hawnhekk hawn reminder tal-Mepa. DOK GM1 huma l-affarijiet kif zarmajnihom u poggejnihom puliti fil-kamra bla tkissir. A l-affarijiet organizzativ ħallejnihom kamra u magħluqin. Il-B hija xi damages illi ħadt ritratt tagħhom, il-B,C u D huma xi images li ħadt ritratt tagħhom biex għax jien immaġinajt li hu kien probabbli ħa jakkużana li kien hemm xi tkissir dawk huma dawn l-istess istess karti issa fuq."

Jikkonferma li zarmaw l-affarijiet.

"Qorti: Jigifieri intom zarmjtu l-affarijiet?

Xhud: Iva qbadna nżarmaw affarijiet, DOK GM 4 huwa ritratt meta tgħid iċ-ċavetta lil Dominic qabel dħalna fil-post meta qtajna l-katnazz mort inti iċ-ċavetta tal-katnazz il-ġdid fÀ u hemm id-data. Il-GM 5 huwa ta' Dominic fil-karozza qieghed ġol-karozza ma rridx jiftħilna avolja bi preavviż. Il-GM6 huwa preavviż minnhom ta' Mejju u l-GM7 huwa preavviż ta' Gunju u GM8 huwa r-reminder biex aħna nneħħu l-illegalitajiet mill-planning."

Mistoqsi safejn jaf hu x' jghid il-kuntratt dwar il-preavviz u l-illegalitajiet jirrispondi.

"Xhud: Dwar il-preavviż jgħid illi aħna għandna dritt li nidħlu fil-propjetà l-aqwa li navżawh f'ħin adegwat. Dik wahda minnhom u it-tieni wahda hija illi fil-kuntratt l-aħħar iffirmat qed insemmu l-illegalitajiet għamilhom u huwa iffirma li huwa qed jikkonferma dan u qed ngħidu wkoll illi applikajna għal-permess bl-isem ta l-permess għax kien diġà daħal u li jekk il-planning tordna jew inkella hemm xi xi klaws li qed tgħidilna li jaf tfixkel fil-permess hu jrid għandu jneħħi l-illegalitajiet immedjatament hu spejjeż tiegħu. Jiġifieri aħna għalhekk dħalna hemmhekk, dan huwa l-kuntratt ta' bejnietna."

In kontro-ezami mistoqsi dwar l-email tal-avukat ta' Domenic Micallef (Dok. GM6) li t-talba tieghu ma tistax tigi milquha u li ma ghandux dritt jidhol fil-propjeta' tal-klijent tieghu ie Domenic Micallef jirrispondi li Domenic Micallef inghata bizejjed cans.

Il-preavviz kien li ser jaslu fil-7:00 u waslu dak il-hin. Domenic Micallef kien qieghed hemmhekk u ma riedx jifthilom. Biex fetah il-katnazz intuza xi chaser. Kellhom jidhlu bil-fors biex inehhu l-illegailtajiet. Il-MEPA kienet qed thedded il-permess taghhom.

Ikkunsidrat

L-imputat Raymond Desira hu akkuzat taht l-artikolu 85(1) tal-Kap. 9 u l-Art. 325(1)(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat

Dwar l-ewwel inputazzjoni, ssir referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Michael Debrincat" (Appell Nru: 250/2023) deciz fl-1 ta' Novembru 2024 il-Qorti ikkunsidrat fost affarijiet ohra.

> "L-Imhallef Emeritus Vincent De Gaetano fil-kawza Il-Pulizija -vs-Anthony Micallef ( Appell Kriminali numru: 232/2002 deciza fit-30 ta' Lulju, 2004 mill-Imhallef Emeritus V. De Gaetano) ddefiniet din il-offiza bhala s-segwenti: 'Ir-reat

ipotizzat fl-imputazzjoni huwa dak ta' delitt kontra l-amministrazzjoni tal-ġustizzja, u aktar preċiżament id-delitt ta' l-użu kontra l-ligi mill-privat tas setgħat ta' l-awtorita' pubblika. L-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali hu intiż mhux biex jipproteġi l-proprjeta', mobbli jew immobli, ta' dak li jkun - għal tali protezzjoni hemm l-azzjoni ċivili – iżda biex jipprevjeni l użurpazzjoni mill-privat tas-setgħat ta' l-awtorita' pubblika. Isegwi għalhekk li, indipendentement mill-protezzjoni mogħtija permezz ta' l-azzjoni jew azzjonijiet ċivili, jekk jirriżulta bħala fatt li kien hemm l-użurpazzjoni ravviżata fl-imsemmi Artikolu 85, il-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali għandhom jaġixxu tempestivament biex jirristabilixxu l-ordni pubblika permezz tas-sanzjoni penali.' (enfazi mizjuda)"

*. . . omissis . . .*

"Kif tajjeb osservat id-difiza il-gurista **Francesco Carrara** fil-ktieb tieghu fuq kwotat jelenka erbgha (4) elementi li jridu jissussistu sabiex imputat jinstab hati ghar-reat. Dawn l-elementi huma s-segwenti:

*'1. Un atto esterno che spogli altri di un bene che gode, e sia eseguito contro la opposizione o espressa o presunta di questo;*

*2. Credenza di far quest'atto in esercizio di un diritto;*

*3. Coscienza di fare di privato braccio quello che dovrebbe farsi per autorita' di magistrati;*

*4. Mancanza di titolo piu grave.'*

Dawn l-erba' elementi gew adottati fil-Qrati taghna fosthom fil-kawzi **Il-Pulizija -vs- Giuseppe Bonavia et**[1], **Il-Pulizija -vs- Salvatore Farrugia**[2] u **Il-Pulizija -vs- Professur Henry Frendo**[3]8 li huma ssegwenti:

'Kif inhu risaput, l-erba' elementi li jridu jikkonkorru biex jikkonfigura ruhhu r-reat ta' ragion fattasi huma:-

[1] Deciza nhar l-14 ta' Ottubru 1944 mill-Qorti tal-Appell

[2] Deciza nhar l-14 ta' Dicembru 1957 mill-Qorti tal-Appell

[3] Deciza nhar id-19 ta' Awwissu 2005 mill-Qorti tal-Appell.

(1) att estern li jispolja lil xi haddiehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-haddiehor,

(2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt,

(3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel di privato braccio dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita`pubblika, u

(4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi."

**Att estern li jispolja lil xi haddiehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-haddiehor."**

Ikkunisdrat

Fil-kamp kriminali u apparti li minn jallega irid jipprova, l-livell ta' prova li trid tilħaq id-difiża hija dik tal-probabbli, filwaqt li l-livell tal-Prosekuzzjoni hija livell għola u cioe' 'l ħinn kull dubju dettat mir-raġuni. Hearsay evidence hija ukoll mhux ammessa bhala prova u l-prosekuzzjoni għandha ttella l-aqwa prova.

Issir referenza ghas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Peter Ebejer[4] , fejn ġie riaffermat illi l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju, għaliex l-ombra ta' dubju ma jistax jitqies li huwa dubju li huwa dettat mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis ic-ċirkostanzi u l-provi kollha, u dejjem bl-applikażżjoni tal-buon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni[5].

[4] Deciza 5 ta' Dicembru 1997

[5] Lord Denning fil-każ Miller vs Minister of Pension (1974 - 2 ALL ER 372), fir-rigward tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt' qal awtorevolment:- "Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong aġainst a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but notħing shall of that will suffice.

Illi kif ingħad ukoll f' diversi sentenzi fosthom <u>Il-Pulizija v. Ali Mohammed Ali Alturouq</u>[6], il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) riteniet

> "20. U huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil ħinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih."

Ikkunsidrat

Illi f' dawn il-proceduri gew ipprezentati numru ta' dokumenti u ritratti. Fost id-dokumenti ezebiti hemm Dok DM u DM 1 ezebiti minn Domenic Micallef fis-seduta tal-21 ta' Marzu, 2024. F' din is-seduta l-Qorti iddijkarat li l-istills ezebiti Dok DM, DM 1 qed jigu accettati prevja li jigu ezebiti bil-gurament mill-persuna li ghamilhom. Stante li l-persuna li ghamlithom ma ikkonfermahomx bil-gurament dawn l-istills qed jigu sfilzati mill-atti ta' dawn il-proceduri u l-Qorti ma hijiex ser tiehu konjizzjoni taghhom.

Illi f' dak li jirrigwarda l-lease agreement bejn Martan Limited (Landlord) and DJRL Dance Limited (Tenant) – Dok GM9, il-kopja ezebita mhux biss ma hijiex vera kopja talli l-anqas biss ma jihdru l-firem fuq il-ftehim ezebi. Din il-kopja ma hijiex l-aqwa prova u ma hijiex ser tittiehed in konsiderazzjoni.

Ikkunisdrat

Illi mix-xhiedha tar-rapprezentant tal-Awtorita' tal-Ippjanar irrizulta li fis-sit fejn jopera l-ARIA Complex hemm numru ta' illegalitajiet li huma soggetti ghal proceduri tal-Awtorita' tal-Ippjanar.

L-imputat Raymond Desira u l-*parte civile* Domnic Micallef kienu gew it-tnejn notifikati b' Avviz biex Tieqaf u ta' Twettieq datat 21 ta' Awwissu 2009 mill-MEPA (Dok. IG 1) u sussegwentement permezz ta' Avviz datat 26 ta' Mejju 2022 it-tnejn li huma gew notifikati b' Avviz Skont Taqsima IX tal-Att VII tal-2016 u qed jinkorru multa ghal kull gurnata hekk kif stabilit f' Regolament 3 tal-Avviz Legali 276 tal-2012 sakemm l-

[6] Qorti tal-Appell (Inferjuri), Appell Nru. 17/2021, decizia 24.06.2021

illegalijiet fuq is-sit jibqghu fis-sehh (Dok IG 1). Skont ix-xhieda ta' Gary Desira huma kienu avvzaw lil parte civile li kienu ser jaccedu l-fond sabiex jnehhu l-illegalitajiet liema talba l-parte civile kienet opponiet. (Dok. GM 6).

Ikkunsidrat,

Mill-provi a dispozizzjoni taghha jihder li Raymond Desira qed ibghati l-kosegwenzi personalment sakemm l-ordni tal-MEPA ma tigiex ezegwita.

Skont ix-xhieda ta' Domenic Micallef, l-affarijiet li gew zarmati thallew fuq is-sit. Il-Qorti hija propensa temmen il-verzjoni ta' Gary Desira li thalliet ic-cavetta tal-katnazz il-gdid ma' Domenic Micallef. Jirrizulta ukoll li Domenic Micallef ma giex spossessat mill-godiment tal-propjeta' tieghu u li l-azzjoni li ha l-imputat kienet konsegwenza ta' ordni tal-Awtorita' tal-Ippjanar ghal illegalatijiet li prima faciae jihder li huwa responsabbli ghaliehom. Dawn il-proceduri huma proceduri penali u l-oneru tal-prova rikjesta ghas-sebien ta' htija hija dik ta' kull dubbju dettat mir-raguni.

Ghal dawn ir-ragunijiet qed jigi kunsidrat li l-Prosekuzzjoni ma pprovatx il-kaz fil-livell probatorju fil-ligi.

Ikkunsidrat

Illi f' dak li jirrigwarda t-tieni imputazzjoni, fejn l-imputat gie akkuzat ta' hsara volontaja ghad-dannu ta' Dominic Micallef din l-akkuza ma tirrizultax mill-provi ghad-dispozzizzjoni ta' din il-Qorti.

**Decide**

Ghaldaqstant l-Qorti wara li rat l-artikoli 85(1) tal-Kap. 9 u 325(1)(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil imputat **Raymond Desira** mhux hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u tilliberah minn kull piena u htija b'dan illi d-drittijiet civili appartenenti lill-partijiet jibqghu impregudikati b'din id-decizjoni

Il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**